TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Tal-Konsumatur**

Alastair Borg

vs

Euro Freight Services Ltd.

CCT 75/21/MS

24 ta' April 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-13 ta' Mejju 2021 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata thallsu s-somma ta' elf erba mija u sitta u erbghin euro u hames centezmi (€1446.05), kwantu ghal elf mitejn u tnejn u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmi (€1,222.37) prezz ta' ghamara mixtrija mir-rikorrent minn barra, li garrbet hsarat meta kienet fi triqitha lejn Malta u wasslet ghand ir-rikorrent dannegjata u kwantu ghal mitejn u tlieta u ghoxrin euro u tmienja u sittin centezmu (€223.68) l-ammont imhallas minnu ghat-trasport.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn cahdet it-talbiet rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex l-isocjeta' intimata mhijiex responsabbli ghal hsarat allegati; illi meta R. Cassar, impjegat gabar il-merkanzija sabiex jehodha ghand ir-rikorrent hu ma nnota l-ebda hsara u l-istess jinghad meta Anthony Borg ircieva il-merkanzija minghand Cassar, fejn indika illi l-merkanzija giet mghoddija lilu 'in perfect condition'; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost,f'kaz li t-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' intimata kienet b'xi mod responsabbli ghall-hsarat skond it-termini u l-kundizzjonijiet, l-ammont li ghandu jithallas lir-rikorrenti huwa ta' mhux iktar minn €279.56. Salv eccezzjojijjiet ulterjuri . Bl-ispejjes.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Dicembru 2020 r-rikorrent ordna xi ghamara minn Spanja minghand il-kumpanija 'Angel Cerda'. Sussegwentement hu ghamel kuntatt mas-socjeta' EuroFreight fejn kellem lil certu 'Nez' u talbu kwotazzjoni, liema kwotazzjoni giet accettata mir-rikorrent li min-naha tieghu bbukja l-konsenja/ trasport mas-socjeta' in kwistjoni. Fi Frar hu ircieva telefonata minghand il-manifattur li qallu li l-prodotti kienu lesti u ghalhekk informa lis-socjeta' EuroFreight Ltd. L-ghamara baqghet Spanja ghal iktar minn gimghatejn u wasslet Malta fid-9 ta' Marzu 2021 u meta l-konsenja wasslet ghand ir-rikorrent xi gimgha wara u fetah il-kaxxi, sab li l-oggetti kienu imkissrin.

Fil-fatt kien missier ir-rikorrent illi kien prezenti meta l-konsenja wasslet, izda hu ma fetahx il-kaxxi fil-presenza tax-xufier, u kien biss meta r-rikorrent wasal lura mix-xoghol illi nduna b'dan. Ir-rikorrent ghamel kuntatt maz-zewg kumpaniji - u cjoe' ma' Angel Cerda f'Spanja u ma' Euro Freight Ltd, izda dawn bdew iwahhlu f'xulxin u hadd minnhom ma accetta responsabilità'. Bhala fatt il-kuntratt kien wiehed 'ex-works' u l-manifattur ghalhekk hasel idejh minn kwalunkwe responsabbilita'.

Ir-rikorrent qal ukoll illi hu, fl-ebda hin ma gie mistoqsi jekk riedx assikurazzjoni jew jekk xtaq jaghmel 'upgrade' tal-packaging ghaliex li kieku dan gie offrut lilu, kien jaccetta. Ir-rikorrent qal ukoll illi hu ghamel rapport lil pulizija dwar dan il-kaz u rema l-ghamara (coffee table u wall unit) ghaliex kollox kien imkisser. In kontro-ezami, r-rikorrent rkkonferma illi missieru rcieva il-kaxxi u firma ghalihom minghajr ma fetah il-kaxxi. In kontro-ezami, ir-rikorrent qal illi ma setax jeskludi illi l-hsara grat f'Spanja meta kienet fil-kustodja tal-fornitur. Mistoqsi jekk kellux ritratti ta' kif kienu l-kaxxi meta ircevihom, ir-rikorrent ma kellux u li sa fejn jiftakar hu ma kienx hemm *heavy damages* fil-packaging.

Xehed ukoll Anthony Borg, missier ir-rikorrent li qal illi dakinhar hu kien il-bank u rcieva telefonata fejn gie infurmat illi x-xoghol kien wasal u kien ha jigi konsenjat, u talabhom jistenewwh ftit ghax kellu jitlaq mir-Rahal Gdid ghal Fgura. Ix-xufier/a qalulu li kienu mghagglin ghax kellhom hafna xoghol. Malli wasal, hu fethilhom il-garaxx u hargu l-kaxxi u poggewhom mal-art fil-garaxx. Qal ukoll illi hadd ma qallu biex jiftah il-kaxxi u peress ili kienu mghagghlin il-kaxxi ma nfethux minnhom fil-presenza tieghu. Qal ukoll illi ghalkemm huwa jaf jaqra u jikteb u ffirma id-delivery note, fil-fatt il-kitba ma tantx tintgharaf u hu kien iffirma sempliciment biex jikkonferma li l-affarijiet kienu gew konsenjati. Qal ukoll illi ma nnutax illi kien hemm daqqiet fil-kaxxi, izda wara meta fethuhom, l-affarijiet kienu imkissrin u semghu hoss ta' hgieg imkisser. Qal ukoll illi kien hemm zewg kaxxi u t-tnejn kellhom oggetti imkissrin.

Illi xehed ukoll Noel Chircop rapprezentant tas-socjeta' intimata li qal illi l-ewwel haga li jaghmlu meta jhottu trailer huwa li jispezzjonaw ix-xoghol biex jekk ikun hemm l-icken girfa jew daqqa, huma javzaw lill-agent. Huma kienu responsabbli ghall-konsenja tal-ghamara u x-xufiera jwasslu ix-xoghol u jitolbu firma li x-xoghol ikun wasal. Ikkonferma

illi l-kumpanija hija obbligata li twassal ix-xoghol ghand il-klijent f'kundizzjoni tajba, izda qal ukoll illi hu ma jkunx jaf x'hemm fil-kaxxi - tista' tiftah kaxxa u minflok deheb issib gebel, u hu ma jkunx responsabbli f'dak il-kaz.

Ikkunsidra

Illi mill-provi li ghandu quddiemu jidher car illi l-partijiet ikkonkludew ftehim fejn is-socjeta' intimata Euro Freight Limited accettat li ggorr merkanzija konsistenti f'ghamara (tv unit u coffee table) minn Spanja ghall-Malta. Irrizulta wkoll illi l-kuntratt ta' bejgh tal-ghamara kien 'ex-factory' jew 'ex-work' li huwa terminu uzat f'garr ta' merkanzija li jfisser li r-responsabbilita' tal-oggetti ma tibqax f'idejn il-fornitur (f'dan il-kaz Angel Cerda').

Illi dan il-ftehim huwa regolat mill-Konvenzjoni li huwa inkorporat bhala Skeda fl-Att dwar il-Ġarr Stradali Internazzjonali tal-Merkanzija. (Kap. 486 tal-Liġijiet ta' Malta). It-Tribunal huwa sodisfatt illi hija l-soċjetà intimata Eurofreight Limited li għandha titqies bħala l-carrier għall-fini tal-kuntratt ta' ġarr in kwistjoni.

L-Artikolu 17.1 tal-Konvenzjoni jipprovdi dan li gej:-

1. The carrier shall be liable for the total or partial loss of the goods <u>and for damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery. (Emfasi ta' dan it-Tribunal).</u>

L-Artikolu 18(1) tal-Konvenzjoni jagħmilha ċar illi l-oneru tal-prova illi t-trasportatur m'huwiex responsabbli għall-ħsara jew telf tal-merkanzija, huwa mixħut fuq l-istess trasportatur.

Illi l-obbligu tat-trasportatur taħt l-Artikolu 8 li jiċċekkja l-merkanzija (*to check the apparent condition of the goods*) għandu jinqara flimkien mal-Artikolu 9, li jistabbilixxi preżunzjoni li fin-nuqqas ta' xi riżerva partikolari indikata mit-trasportatur fuq l-istess nota tal-konsenja, il-Konvenzjoni toħloq presunzjoni li l-konsenja tal-merkanzija u l-ippakkjar tagħhom kienu f'kundizzjoni tajba meta t-trasportatur ħadhom f'idejh.

Fil-każ in diżamina, in-nota tal-konsenja tindika illi kien hemm clean receipt, u dan kif gie konfermat ukoll minn Karen Calleja fl-email taghha datat 16 ta' Marzu 2021 fejn qalet hekk:

*'all our relating documents are clean of any alleged damages'* u

*'we also have a clean unloading report, which verifies that even the outer packaging of the cargo was intact, the boxes were not thorn (sic) nor bruised in any way, which is significant to determine that there was no indication of any damages till cargo was released from our custody.'*

Ghalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt illi meta l-merkanzija wasslet Malta fid-9 ta' Marzu 2021 u sakemm giet rilaxxata fil-15 ta' Marzu 2021, din kienet f'kundizzjoni tajba u jekk kien hemm xi nuqqas min-naha tal-fornitur fl-ippakkjar, is-socjeta' intimata tilfet l-opportunità biex tissalvagwardja l-pożizzjoni taghha meta hi ma ccekjatx il-merkanzija u ma ghamlet l-ebda indikazzjoni fin-nota tal-konsenja.

"Although the carrier is only required by Article 8 to check the matters stated, the inference of Article 9 is that he is expected to mention his findings in the consignment note ... it is to the note that reference will be made if a dispute over the quantity or condition of the goods arises later." (Freight Forwarding and Multimodal Transport Contracts)

Illi skont kif prospettat fis-subinċiż (b) tal-Artikolu 17.4 tal-Konvenzjoni, "the lack of or defective condition of the packaging" huwa meqjus bħala a special risk li jista' jeħles lill-carrier mir-responsabbilità tiegħu għal kull ħsara jew telf ikkaġonat bħala riżultat ta' dan in-nuqqas, fost ċirkostanzi oħrajn speċifikatament elenkati fl-imsemmi Artikolu 17.4. F'każ li ssib riskontru waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi, l-Artikolu 18.2 joħloq presunzjoni illi dan ir-riskju speċjali kien effettivament il-kaġun tat-telf jew ħsara, bla ħsara għall-jedd tal-claimant li jressaq prova kuntrarja.

Madanakollu, hija l-fehma tat-Tribunali li s-soċjetà intimata ma ressqitx provi sufficjenti biex tinħeles mir-responsabbilità tagħha. Huwa paċifiku ukoll li l-grad ta' diliġenza rikjesta f'każijiet simili mit-trasportatur hu wieħed gravi.

"The carrier cannot hope, simply by showing that ordinary care was taken, to escape liability. He must show that in respect of the particular loss or damage, no failing on his part could have contributed to it. <u>It follows that a high degree of proof is required on his part,</u> normally by proving the actual cause and showing how it arose with no fault on his part."

It-Tribunal jidhirlu illi fic-cirkostanzi tal-kaz u tenut kont li s-socjeta' kienet taf il-kontenut ta' dak li kienet ser iggorr, is-socjeta' intimata kienet fid-dmir illi tassigura mill-bidu nett li l-merkanzija kienet ippakkjata sew, u jekk jekk kellha xi rizervi dwar dan, ma kellhiex

taccetta l-konsenja, jew almenu kellha ticcekkja l-kontenut mal-wasla, kif kellha kull dritt li taghmel.

It-Tribunal jinnota wkoll illi ghalkemm is-socjeta' intimata kellha f'idejha CCTV footage li allegatament kien juri illi l-ma kien hemm l-ebda negligenza min-naha taghhom, din qatt ma giet prezervata u/jew ezebita f'dawn il-proceduri u m'ghadhiex disponibbli.

It-Tribunal jinnota wkoll illi f'kazijiet bhal dawn, ix-xufiera li huma responsabbli li jwasslu l-merkanzija fid-destinazzjoni ahhari, gieli jkunu mghagglin, kif jidher illi anke gara f'dan il-kaz. Dan ma jawgurax tajjab ghaliex meta l-affarijiet isiru bl-ghaggla gieli ikun hemm element ta' traskuragni u 'ejja ha mmorru'. F'kazijiet bhal dawn, merkanzija ghandha tigi ccekkjata kemm mal-wasla taghha f'Malta kif ukoll fil-mument tal-konsenja ghand ir-rikorrent u s-socjeta' intimata kienet fid-dmir li tinsisti fuq hekk. Dan m'ghamlitux.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent ipprova l-istanza tieghu sal-grad rikjest u t-talba tieghu ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna l-isocjeta' intimata thallsu s-somma ta' elf erba mija u sitta u erbghin euro u hames centezmi (€1446.05). Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

**Dr Michela Spiteri LL.D**

**Arbitru**